

## II

(Atti mhux leġiżlattivi)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/2104

tad-29 ta' Lulju 2022

**li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni għaż-żejt taż-żejbuġa, u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2568/91 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 29/2012**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agricoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 75(2), 78(3) u (4) u 88(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 ħassar u sostitwixxa r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 <sup>(2)</sup>. Il-Parti II, it-Titolu II, il-Kapitolu I, it-Taqsima 1, tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tistabbilixxi regoli dwar l-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni għaż-żejt taż-żejbuġa u taġhti s-setgħa lill-Kummissjoni tadotta atti delegati u ta' implimentazzjoni f'dak ir-rigward. Biex jiġi żgurat il-funzjonament bla xkiel tas-suq taż-żejt taż-żejbuġa fil-qafas legali l-ġdid, iridu jiġu adottati ċerti regoli permezz ta' tali atti. Dawk l-atti jenħtieġ li jissostitwixxu r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2568/91 <sup>(3)</sup> u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 29/2012 <sup>(4)</sup>, li għalhekk jenħtieġ li jitħassru.
- (2) Iż-żejt taż-żejbuġa għandu ċerti proprjetajiet organolettiċi u nutrizzjonali, li meta jitqiesu l-kostijiet tal-produzzjoni tiegħu, jippermettulu aċċess għal suq bi prezz relattivament għoli meta mqabbel mal-biċċa l-kbira tax-xaħmijiet veġetali l-oħra. Fid-dawl ta' din is-sitwazzjoni tas-suq, jenħtieġ li jiġu stabbiliti standards tal-kummerċjalizzazzjoni għaż-żjut taż-żejbuġa li jggarantixxu l-kwalità tal-prodott u jiġġieldu l-frodi b'mod effettiv. Il-monitoraġġ effettiv tal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni jenħtieġ li jittejjeb ukoll. Għalhekk jenħtieġ li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet speċifiċi għal dan il-għan.
- (3) L-esperjenza miksuba matul l-aħħar għaxar snin mill-implimentazzjoni tal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni tal-Unjoni għaż-żejt taż-żejbuġa u mill-implimentazzjoni tal-kontrolli tal-konformità turi li ċerti aspetti tal-qafas regolatorju jeħtieġ li jiġu ssimplifikati u ċċarati.
- (4) Sabiex issir distinzjoni bejn id-diversi tipi ta' żejt taż-żejbuġa, jenħtieġ li jiġu ddeterminati l-karatteristiċi fiżiċi u kimiċi ta' kull waħda mill-kategoriji taż-żejt taż-żejbuġa u l-karatteristiċi organolettiċi taż-żjut taż-żejbuġa verġni, sabiex jiġu ggarantiti l-purità u l-kwalità tal-prodotti kkonċernati.

<sup>(1)</sup> ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agricoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agricoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) (ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1).

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2568/91 tal-11 ta' Lulju 1991 dwar il-karatteristiċi taż-żejt taż-żejbuġa u l-fdal taż-żejt taż-żejbuġa u dwar il-metodi ta' analiżi rilevanti (ĠU L 248, 5.9.1991, p. 1).

<sup>(4)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 29/2012 tat-13 ta' Jannar 2012 dwar l-istandards ta' marketing għaż-żejt taż-żejbuġa (ĠU L 12, 14.1.2012, p. 14).

- (5) Sabiex il-konsumaturi ma jiġux imqarrqa u sabiex ma tinħoloqx kompetizzjoni inġusta fis-suq taż-żejt taż-żebuga, jenħtieġ li jkun permess biss għal kategoriji ta' żejt taż-żebuga li jistgħu jinbiegħu lill-konsumatur finali li jitħalltu ma' żjut veġetali oħra jew jiġu inkorporati fl-ikel. Sabiex jitqiesu ċ-ċirkostanzi differenti tagħhom, l-Istati Membri jenħtieġ li jitħallew jipprobbixxu l-produzzjoni ta' tali taħlitiet fit-territorju tagħhom.
- (6) Biex tiġi ggarantita l-awtentiċità taż-żejt taż-żebuga mibjugħ, l-imballaġġ għall-bejgħ bl-imnut jenħtieġ li jkun żgħir u jkollu sistema adegwata kif jingħalaq. Madankollu, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jawtorizzaw imballaġġ akbar għal stabbiliment kollettivi.
- (7) Sabiex il-konsumatur jiġi meġħjun biex jagħżel bejn il-prodotti, huwa kruċjali li t-tagħrif obbligatorju indikat fuq it-tikketta jkun jista' jinqara faċilment. Għalhekk jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli dwar kemm l-informazzjoni obbligatorja fil-parti viżwali ewlenija tkun tista' tinqara u dwar x'informazzjoni għandha tiġi inkluża fiha.
- (8) L-ismijiet tal-kategoriji taż-żejt taż-żebuga jenħtieġ li jikkorrispondu mad-deskrizzjonijiet taż-żejt taż-żebuga kkummerċjalizzati f'kull Stat Membru, fil-kummerċ intra-Unjoni u fil-kummerċ ma' pajjiżi terzi kif stabbilit fil-Parti VIII tal-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.
- (9) Bosta studji xjentifiċi wrew li d-dawl u s-sħana jħallu effetti negattivi fuq l-iżvilupp tal-kwalità taż-żejt taż-żebuga. Għalhekk jenħtieġ li l-kundizzjonijiet speċifiċi tal-ħżin jiġu indikati b'mod ċar fuq it-tikketta biex jiġi żgurat li l-konsumatur ikun infurmat tajjeb dwar l-aqwa kundizzjonijiet għall-ħżin.
- (10) Bħala riżultat tat-tradizzjonijiet agrikoli u l-prattiki lokali ta' estrazzjoni u taħlit, iż-żjut taż-żebuga verġni introdotti direttament fis-suq jistgħu jkunu ta' togħma u kwalità pjuttost differenti skont il-post ta' oriġini tagħhom. Dan jista' jwassal għal differenzi fil-prezz fl-istess kategorija li jfixklu s-suq. Ma hemm ebda differenza sostanzjali marbuta mal-oriġini f'kategoriji oħrajn ta' żejt taż-żebuga li jittiekel, u għalhekk l-indikazzjoni tal-post ta' oriġini fuq l-imballaġġ ta' tali żejt tista' twassal biex il-konsumaturi jemmnu li jeżistu differenzi fil-kwalità. Għalhekk, biex ma jkunx hemm distorsjoni tas-suq taż-żejt taż-żebuga li jittiekel, jenħtieġ li tiġi stabbilita sistema obbligatorja tal-Unjoni għat-tikkettar tal-post ta' oriġini, li jenħtieġ li tkun ristretta għaż-żjut taż-żebuga *extra* verġni u verġni li jissodisfaw kundizzjonijiet preċiżi.
- (11) Fl-Unjoni, parti sinifikanti taż-żjut taż-żebuga *extra* verġni u verġni hija magħmula minn taħlitiet ta' żjut li joriġinaw minn diversi Stati Membri u pajjiżi terzi. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet għat-tikkettar tal-oriġini ta' tali taħlitiet.
- (12) Denominazzjoni ta' oriġini reġjonali tista' tkun koperta minn Denominazzjoni ta' Oriġini Protetta (DOP) jew minn Indikazzjoni Ġeografika Protetta (IĠP) f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(7)</sup>. Id-denominazzjonijiet li jindikaw oriġini reġjonali jenħtieġ li jiġu riżervati għad-DOP jew għall-IĠP biex tiġi evitata l-konfużjoni bejn il-konsumaturi, li potenzjalment tista' twassal għal disturb fis-suq. Fil-każ ta' żejt taż-żebuga importat, jenħtieġ li jiġu rrispettati r-regoli dwar l-oriġini mhux preferenzjali previsti fir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(8)</sup>.
- (13) It-trademarks eżistenti inklużi r-referenzi ġeografiki jenħtieġ li jkunu jistgħu jkomplu jintużaw, dment li jkunu ġew irreġistrati uffiċjalment fil-passat, f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 89/104/KEE<sup>(9)</sup> jew mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94<sup>(8)</sup>.
- (14) Jekk il-post ta' oriġini ta' żejt taż-żebuga *extra* verġni jew verġni jirreferi għall-Unjoni jew għal Stat Membru, din hija indikazzjoni mhux biss ta' fejn ikun inqata' ż-żebug iżda wkoll tat-tekniki u l-prattiki ta' estrazzjoni li jinfluwenzaw il-kwalità u t-togħma taż-żejt. Għalhekk, il-post ta' oriġini jenħtieġ li jirreferi għaż-żona ġeografika li jkun inkiseb minnha ż-żejt taż-żebuga, li ġeneralment tkun iż-żona li fiha jkun ġie estratt iż-żejt miż-żebug. Madankollu, f'ċerti każijiet, iż-żejt jiġi estratt f'post li ma jkunx l-istess bħal dak fejn ikun inqata' ż-żebug u din l-informazzjoni jenħtieġ li tiġi ddikjarata fuq l-imballaġġ jew it-tikketti meħmużin mal-imballaġġ sabiex jiġi żgurat li l-konsumaturi ma jiġux imqarrqa u li ma jkunx hemm disturb fis-suq taż-żejt taż-żebuga.

<sup>(7)</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1).

<sup>(8)</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jstabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).

<sup>(9)</sup> L-Ewwel Direttiva tal-Kunsill 89/104/KEE tal-21 ta' Diċembru 1988 biex jiġu approssimati l-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-trade marks (ĠU L 40, 11.2.1989, p. 1).

<sup>(8)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94 tal-20 ta' Diċembru 1993 dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU L 11, 14.1.1994, p. 1).

- (15) Meta l-impjanti tal-imballaġġ jiġu approvati fil-livell nazzjonali f'konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/2105 li jstabbilixxi regoli dwar il-kontrolli tal-konformità tal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni għaż-żejt taż-żebbuġa u metodi ta' analiżi tal-karatteristiċi taż-żejt taż-żebbuġa <sup>(9)</sup>, it-tikketta taż-żejt taż-żebbuġa jenħtieġ li tinkludi l-identifikazzjoni alfanumerika allokata lill-impjant tal-imballaġġ, sabiex tippermetti traċċabbiltà aħjar u protezzjoni tal-konsumatur.
- (16) F'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(10)</sup>, l-indikazzjonijiet murija fuq it-tikketti ma għandhomx iqarrqu lix-xerrej, b'mod partikolari fir-rigward tal-karatteristiċi taż-żejt taż-żebbuġa konċernat, jew billi jattribwixxu lilu proprjetajiet li ma jkollux, jew billi jissuġġerixxu li jkun fih karatteristiċi speċjali meta fil-fatt il-biċċa l-kbira taż-żjut ikollhom tali karatteristiċi. Ċerti indikazzjonijiet użati b'mod komuni u fakultattivi li huma speċifiċi għaż-żejt taż-żebbuġa jirrikjedu wkoll regoli armonizzati biex jiddefinixxu eżattament tali dikjarazzjonijiet u jiżguraw li l-preċiżjoni tagħhom tkun tista' tiġi vverifikata. Minħabba l-proliferazzjoni ta' ċerti indikazzjonijiet u s-sinifikat ekonomiku tagħhom, jenħtieġ li jiġu stabbiliti kriterji oġġettivi għall-użu tagħhom sabiex tiġi introdotta ċ-ċarezza fis-suq taż-żejt taż-żebbuġa.
- (17) Għaldaqstant, il-kunċetti ta' "ppressar kiesaħ" u "estrazzjoni kiesħa" jenħtieġ li jikkorrispondu ma' metodu teknikament definit ta' produzzjoni tradizzjonali.
- (18) Ċerti termini li jiddeskrivu l-karatteristiċi organolettiċi li jirreferu għat-togħma jew għar-riħa taż-żjut taż-żebbuġa *extra* verġni u verġni ġew iddefiniti fl-Anness IX tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013. Sabiex il-konsumaturi ma jiġux imqarrqa, jenħtieġ li ma jintuża l-ebda terminu ieħor li jiddeskrivi l-karatteristiċi organolettiċi taż-żjut taż-żebbuġa *extra* verġni u verġni fid-deskrizzjoni ta' dawn iż-żjut. L-użu ta' tali termini fuq it-tikketta ta' żjut taż-żebbuġa *extra* verġni u verġni jenħtieġ li jkun riżervat għal żjut li jkunu ġew ivverifikati li għandhom dawn il-karatteristiċi skont il-metodu ta' analiżi korrispondenti tal-Kunsill Internazzjonali taż-Żebbuġ.
- (19) Ir-referenza għall-aċidità fl-iżolament tissuġerixxi skorrettament skala ta' kwalità assoluta li tqarraq bil-konsumatur billi dan il-fattur jirrappreżenta valur kwalitattiv biss fir-rigward tal-parametri fiżikokimiċi l-oħra (valur tal-perossidu, kontenut ta' xama' u assorbiment tal-ultravjola). Għalhekk, meta ssir referenza għall-aċidità fuq it-tikketta, jenħtieġ li dawk il-parametri jiġu indikati wkoll.
- (20) Bil-għan li l-konsumaturi ma jiġux imqarrqa, il-valur tal-parametri fiżikokimiċi meta tali parametri jiġu indikati fuq it-tikketta jenħtieġ li jkun il-valur massimu li jstgħu jilhqqu tali parametri sad-data tad-durabbiltà minima.
- (21) Sabiex il-konsumaturi jingħataw informazzjoni dwar l-età tal-prodott, l-operaturi jenħtieġ li jitħallew jindikaw is-sena tal-ħsad fuq it-tikketta taż-żjut taż-żebbuġa *extra* verġni u verġni iżda biss meta 100 % tal-kontenut tal-kontenitur jiġi minn sena waħda ta' ħsad. Billi l-ħsad taż-żebbuġ normalment jibda matul il-ħarifa u jintemm sar-rebbiegħa tas-sena ta' wara, huwa xieraq li jiġi ċċarat kif is-sena tal-ħsad trid tiġi indikata fuq it-tikketta.
- (22) Sabiex jipprovdu informazzjoni dwar l-età ta' żejt taż-żebbuġa lill-konsumaturi, l-Istati Membri jenħtieġ li jitħallew jagħmlu l-indikazzjoni tas-sena tal-ħsad obligatorja. Madankollu, bil-għan li ma jiġix imfixkel il-funzjonament tas-suq uniku, tali indikazzjoni obligatorja jenħtieġ li tkun limitata għall-produzzjoni domestika tagħhom, miksuba miż-żebbuġ maħsud fit-territorju tagħhom u maħsuba għas-swieq nazzjonali tagħhom biss. Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' timmonitorja l-applikazzjoni ta' tali deċiżjoni nazzjonali u tirrieżamina d-dispożizzjoni sottostanti tal-Unjoni, fid-dawl ta' kwalunkwe evoluzzjoni rilevanti fil-funzjonament tas-suq uniku, l-Istati Membri jenħtieġ li jinnotifikaw id-deċiżjoni tagħhom f'konformità mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/1183 <sup>(11)</sup>.

<sup>(9)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) .../... li jstabbilixxi regoli dwar il-kontrolli tal-konformità tal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni għaż-żejt taż-żebbuġa u metodi ta' analiżi tal-karatteristiċi taż-żejt taż-żebbuġa 2022/2105 (Ara paġna 23 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

<sup>(10)</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-ġhoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1924/2006 u (KE) Nru 1925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva tal-Kummissjoni 87/250/KEE, id-Direttiva tal-Kunsill 90/496/KEE, id-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/10/KE, id-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kummissjoni 2002/67/KE u 2008/5/KE u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 608/2004 (ĠU L 304, 22.11.2011, p. 18).

<sup>(11)</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/1183 tal-20 ta' April 2017 li jissupplimenta r-Regolamenti (UE) Nru 1307/2013 u (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tan-notifiki lill-Kummissjoni ta' informazzjoni u dokumenti (ĠU L 171, 4.7.2017, p. 100).

- (23) Jenħtieġ li jittieħdu passi biex jiġi żgurat li l-ikel li jkun fi h iż-żejt taż-żebbuġa ma jkunx qarrieqi għall-konsumaturi billi jenfasizza r-reputazzjoni taż-żejt taż-żebbuġa mingħajr ma jispeċifika b'mod ċar il-kompożizzjoni reali tal-prodott. Għalhekk, il-perċentwal ta' żejt taż-żebbuġa u ċerti indikazzjonijiet speċifiċi għall-prodotti li jkunu jikkonsistu esklużivament minn taħlita ta' żjut veġetali jenħtieġ li jkun jidher b'mod ċar fuq it-tikkettar. Barra minn hekk, jenħtieġ li jitqiesu d-dispożizzjonijiet speċjali dwar l-ikel solidu ppreservat esklużivament fiż-żejt taż-żebbuġa stabbilit f'regolamenti speċifiċi, b'mod partikolari għas-sardin, it-tonn u l-plamtu.
- (24) Għal raġunijiet ta' simplifikazzjoni, għall-prodotti tal-ikel ippreservati esklużivament fiż-żejt taż-żebbuġa, jenħtieġ li ma jkunx hemm ħtieġa li jiġi ddikjarat il-perċentwal ta' żejt miżjud fir-rigward tal-piż nett totali tal-ikel fuq it-tikketta,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### Artikolu 1

##### Ambitu

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli:

- (a) dwar il-karatteristiċi taż-żjut taż-żebbuġa msemmija fil-punti 1 sa 6 tal-Parti VIII tal-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013;
- (b) dwar standards speċifiċi tal-kummerċjalizzazzjoni għaż-żjut taż-żebbuġa msemmija fil-Parti VIII, il-punti 1(a) u (b) u l-punti 3 u 6, tal-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, meta jinbiegħu lill-konsumatur finali, ippreżentati fl-istat naturali jew fl-ikel.

#### Artikolu 2

##### Kategoriji ta' żejt taż-żebbuġa

1. Iż-żjut taż-żebbuġa li jikkonformaw mal-karatteristiċi stabbiliti:
- (a) fil-punt 1 tat-Tabelli A u B tal-Anness I ta' dan ir-Regolament għandhom jitqiesu bħala żejt taż-żebbuġa *extra* verġni skont it-tifsira tal-Parti VIII, il-punt 1(a) tal-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013;
- (b) fil-punt 2 tat-Tabelli A u B tal-Anness I ta' dan ir-Regolament għandhom jitqiesu bħala żejt taż-żebbuġa verġni skont it-tifsira tal-Parti VIII, il-punt 1(b) tal-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013;
- (c) fil-punt 3 tat-Tabelli A u B tal-Anness I ta' dan ir-Regolament għandhom jitqiesu bħala żejt taż-żebbuġa lampante skont it-tifsira tal-Parti VIII, il-punt 1(c) tal-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013;
- (d) fil-punt 4 tat-Tabelli A u B tal-Anness I ta' dan ir-Regolament għandhom jitqiesu bħala żejt taż-żebbuġa raffinat skont it-tifsira Parti VIII, il-punt 2 tal-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013;
- (e) fil-punt 5 tat-Tabelli A u B tal-Anness I ta' dan ir-Regolament għandhom jitqiesu bħala żejt taż-żebbuġa magħmul minn żjut taż-żebbuġa raffinati u żjut taż-żebbuġa verġni skont it-tifsira tal-Parti VIII, il-punt 3 tal-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013;
- (f) fil-punt 6 tat-Tabelli A u B tal-Anness I ta' dan ir-Regolament għandhom jitqiesu bħala żejt mhux raffinat mir-residwi taż-żebbuġ skont it-tifsira tal-Parti VIII, il-punt 4 tal-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013;
- (g) fil-punt 7 tat-Tabelli A u B tal-Anness I ta' dan ir-Regolament għandhom jitqiesu bħala żejt raffinat mir-residwi taż-żebbuġ skont it-tifsira tal-Parti VIII, il-punt 5 tal-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013;
- (h) fil-punt 8 tat-Tabelli A u B tal-Anness I ta' dan ir-Regolament għandhom jitqiesu bħala żejt mir-residwi taż-żebbuġ skont it-tifsira tal-Parti VIII, il-punt 6 tal-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.
2. Il-karatteristiċi taż-żjut taż-żebbuġa stabbiliti fl-Anness I għandhom jiġu ddeterminati f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/2105.

*Artikolu 3***Taħlitiet u żejt taż-żebbuġa f'ikel ieħor**

1. Iż-żjut imsemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 1 biss jistgħu jkunu parti minn taħlitiet ta' żejt taż-żebbuġa u żjut veġetali oħrajn.
2. Iż-żjut imsemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 1 biss jistgħu jiġu inkorporati f'ikel ieħor.
3. L-Istati Membri jistgħu jipprojbixxu l-produzzjoni fit-territorju tagħhom ta' taħlitiet ta' żjut taż-żebbuġa u żjut veġetali oħra msemmija fil-paragrafu 1 għall-konsum intern. Madankollu, ma jistgħux jipprojbixxu l-kummerċjalizzazzjoni fit-territorju tagħhom ta' tali taħlitiet minn pajjiżi oħra u ma jistgħux jipprojbixxu l-produzzjoni fit-territorju tagħhom ta' tali taħlitiet għall-kummerċjalizzazzjoni fi Stat Membru ieħor jew għall-esportazzjoni.

*Artikolu 4***Imballaġġ**

1. Iż-żjut imsemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 1 għandhom jiġu ppreżentati lill-konsumatur finali f'imballaġġ ta' kapaċità massima ta' ħames litri. Tali imballaġġ għandu jkollu sistema ta' ftuħ li ma tistax terġa' tiġi ssiġillata wara li jinfetaħ l-ewwel darba u għandu jiġi ttikkettat f'konformità ma' dan ir-Regolament.
2. Fil-każ taż-żjut imsemmija fl-Artikolu 1, il-punt (b), maħsuba għall-konsum fristoranti, sptarijiet, canteens u stabbilimenti oħra simili kollettivi, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu kapaċità massima li teċċedi l-ħames litri għall-imballaġġ, skont it-tip ta' stabbiliment ikkonċernat.

*Artikolu 5***Tikkettar**

1. It-tikkettar tat-tagħrif imsemmi fl-Artikoli 6 sa 9 għandu jkun obligatorju.
2. L-isem legali msemmi fl-Artikolu 6(1) u, fejn applikabbli, il-post ta' orijini msemmi fl-Artikolu 8(1), għandhom jinġabru flimkien fil-kamp viżiv prinċipali, kif definit fl-Artikolu 2(2), il-punt (l), tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011, jew fuq l-istess tikketta jew fuq diversi tikketti mwaħħla mal-istess kontenitur, jew direttament fuq l-istess kontenitur. Dan it-tagħrif għandu jintwera bis-sħiħ f'korp ta' test omoġenu.
3. It-tikkettar tat-tagħrif imsemmi fl-Artikoli 10, 11 u 12 għandu jkun volontarju.

*Artikolu 6***Isem legali u tikkettar tal-kategorija taż-żjut**

1. Id-deskrizzjoni taż-żjut imsemmija fl-Artikolu 1, il-punt (b), għandha titqies bħala l-isem legali tagħhom skont it-tifsira tal-Artikolu 2(2), il-punt (n) tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011.
2. It-tikketta ta' dawk iż-żjut għandu jkollha, b'ittri ċari u li ma jitħassrux, minbarra d-deskrizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, iżda mhux neċessarjament, viċin tagħha, l-informazzjoni li ġejja dwar il-kategorija taż-żejt:
  - (a) żejt taż-żebbuġa *extra* verġni:

“żejt taż-żebbuġa ta' kategorija superjuri miksub direttament minn żebbuġ u unikament b'mezzi mekkaniċi”;
  - (b) żejt taż-żebbuġa verġni:

“żejt taż-żebbuġa miksub direttament miż-żebbuġ u unikament b'mezzi mekkaniċi”;
  - (c) żejt taż-żebbuġa magħmul minn żjut taż-żebbuġa raffinati u żjut taż-żebbuġa verġni:

“żejt magħmul esklużivament minn żjut taż-żebbuġa li jkunu għaddew minn proċess ta' raffinar u żjut miksuba direttament miż-żebbuġ”;

(d) żejt mir-residwi taż-żebbuġ:

- (i) “żejt magħmul esklużivament minn żjut miksuba billi l-prodott miksub jiġi ttrattat wara l-estrazzjoni taż-żejt taż-żebbuġa u żjut miksuba direttament miż-żebbuġ”; jew
- (ii) “żejt magħmul esklussivament minn żjut miksuba bl-ipproċessar ta’ żejt mill-ilbieba taż-żebbuġa u żjut miksuba direttament miż-żebbuġ”.

#### Artikolu 7

### Kundizzjonijiet speċjali ta’ ħżin

L-informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet speċjali ta’ ħżin għaż-żjut imsemmija fl-Artikolu 1, il-punt (b), jiġifieri li jridu jinħażnu l bogħod mid-dawl u mis-sħana, għandha tidher fuq il-kontenituri tagħhom jew fuq it-tikketti mwaħħla magħhom.

#### Artikolu 8

### Post ta’ oriġini

1. Għaż-żejt taż-żebbuġa *extra* verġni u għaż-żejt taż-żebbuġa verġni, imsemmija fil-Parti VIII, il-punti 1(a) u (b) tal-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, il-post ta’ oriġini għandu jidher fuq it-tikketta.
2. Għaż-żjut imsemmija fil-Parti VIII, il-punti 3 u 6 tal-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, l-ebda post ta’ oriġini ma għandu jintwera fuq it-tikketta.
3. Il-post ta’ oriġini msemmi fil-paragrafu 1 għandu jikkonsisti biss minn:
  - (a) fil-każ taż-żjut taż-żebbuġa li joriġinaw, f’konformità mal-paragrafi 6 u 7, minn Stat Membru jew pajjiż terz wieħed, referenza għal dak l-Istat Membru, jew għall-Unjoni jew għall-pajjiż terz, kif xieraq; jew
  - (b) fil-każ ta’ taħlitiet ta’ żjut taż-żebbuġa li joriġinaw, f’konformità mal-paragrafi 6 u 7, minn aktar minn Stat Membru wieħed jew pajjiż terz, waħda mill-indikazzjonijiet li ġejjin, kif xieraq:
    - (i) “taħlita ta’ żjut taż-żebbuġa li joriġinaw mill-Unjoni Ewropea” jew referenza għall-Unjoni;
    - (ii) “taħlita ta’ żjut taż-żebbuġa li ma joriġinawx mill-Unjoni Ewropea”, jew referenza għal oriġini barra mill-Unjoni;
    - (iii) “taħlita ta’ żjut taż-żebbuġa li joriġinaw mill-Unjoni Ewropea u li ma joriġinawx mill-Unjoni Ewropea”, jew referenza għal oriġini fl-Unjoni u għal oriġini barra mill-Unjoni; jew
  - (c) denominazzjoni ta’ oriġini protetta jew indikazzjoni ġeografika protetta f’konformità mar-Regolament (UE) Nru 1151/2012.
4. L-ismijiet ta’ marki jew ditti li saret applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tagħhom sal-31 ta’ Diċembru 1998 f’konformità mad-Direttiva 89/104/KEE jew sal-31 ta’ Mejju 2002 f’konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94 ma għandhomx jitqiesu bħala l-post ta’ oriġini kopert b’dan ir-Regolament.
5. Fil-każ ta’ importazzjoni minn pajjiż terz, il-post ta’ oriġini għandu jiġi ddeterminat f’konformità mal-Artikoli 59 sa 63 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013.
6. Il-post ta’ oriġini li jsemmi Stat Membru jew l-Unjoni għandu jikkorrispondi maż-żona ġeografika li fiha nqata’ iż-żebbuġ u li fiha tinstab il-mitħna fejn ġie estratt iż-żejt miż-żebbuġ.
7. Jekk iż-żebbuġ ikun inħasad fi Stat Membru jew f’pajjiż terz għajr dak li fih tkun tinsab il-mitħna fejn ikun ġie estratt iż-żejt miż-żebbuġ, il-post ta’ oriġini għandu jkun fih il-kliem li ġej: “żejt taż-żebbuġa (*extra*) verġni miksub fi (l-Unjoni jew l-isem tal-Istat Membru jew tal-pajjiż terz ikkonċernat) minn żebbuġ maħsud fi (l-Unjoni jew l-isem tal-Istat Membru jew tal-pajjiż terz ikkonċernat)”.

## Artikolu 9

**Numru tal-impjant tal-imballaġġ**

Għaż-żjut imsemmija fl-Artikolu 1, il-punt (b), it-tikketta għandu jkollha, fejn applikabbli, l-identifikazzjoni alfanumerika tal-impjant tal-imballaġġ approvat f'konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/2105.

## Artikolu 10

**Termini riżervati fakultattivi**

Il-kundizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw għall-użu ta' termini riżervati fakultattivi skont it-tifsira tal-Anness IX tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, li jstgħu jidhru fuq it-tikketta taż-żjut imsemmija fl-Artikolu 1, il-punt (b) ta' dan ir-Regolament:

- (a) l-indikazzjoni "l-ewwel ippressar kiesaħ" tista' tidher biss għal żjut taż-żebbuġa *extra* verġni jew verġni miksuba f'temperatura taħt is-27 °C mill-ewwel ippressar mekkaniku tal-pasta taż-żebbuġ minn sistema tradizzjonali ta' estrazzjoni bl-użu ta' pressi idrawliċi;
- (b) l-indikazzjoni "estrazzjoni kiesħa" tista' tidher biss għal żjut taż-żebbuġa *extra* verġni jew verġni miksuba f'temperatura taħt is-27 °C permezz ta' perkolazzjoni jew ċentrifugazzjoni tal-pasta taż-żebbuġ;
- (c) l-indikazzjonijiet tal-karatteristiċi organolettiċi li jirreferu għat-togħma jew għar-riħa jstgħu jidhru biss għaż-żjut taż-żebbuġa *extra* verġni u verġni. Il-karatteristiċi organolettiċi biss kif iddefiniti fl-Anness IX tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 jstgħu jidhru fuq it-tikketta u biss jekk ikunu bbażati fuq valutazzjoni mwettqa skont il-metodu msemmi fl-Anness I, il-punt 5, tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/2105. Id-definizzjonijiet u l-firxiet ta' riżultati, li jippermettu indikazzjoni ta' dawn il-karatteristiċi organolettiċi, huma stabbiliti fl-Anness II ta' dan ir-Regolament;
- (d) l-indikazzjoni tal-aċidità massima mistennija sad-data ta' durabbiltà minima msemmija fl-Artikolu 9(1), il-punt (f), tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011, tista' tidher biss jekk tkun akkumpanjata b'indikazzjoni, f'ittri tal-istess daqs u fl-istess kamp viżiv, tal-valuri massimu għall-kontenut tal-perossidu, il-kontenut tax-xama' u l-assorbiment ultravjola, determinati f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/2105, mistenni sal-istess data.

## Artikolu 11

**Indikazzjoni tas-sena tal-ħsad**

1. Iż-żejt taż-żebbuġa *extra* verġni u ż-żejt taż-żebbuġa verġni biss, imsemmija fil-Parti VIII, il-punti 1(a) u (b) tal-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, jstgħu juru l-indikazzjoni tas-sena tal-ħsad.
2. Is-sena tal-ħsad tista' tintwera biss jekk 100 % tal-kontenut tal-kontenitur ikun ġej minn dak il-ħsad u għandha tiġi indikata fuq it-tikketta jew fil-forma tas-sena tal-kummerċjalizzazzjoni rilevanti f'konformità mal-Artikolu 6, il-punt (f), tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 jew fil-forma tax-xaħar u s-sena tal-ħsad, f'dik l-ordni. Ix-xaħar għandu jikkorrispondi max-xaħar tal-estrazzjoni taż-żejt miż-żebbuġ.
3. L-Istati Membri jstgħu jiddeċiedu li s-sena tal-ħsad imsemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi indikata fuq it-tikketta taż-żjut taż-żebbuġa msemmija f'dak il-paragrafu, tal-produzzjoni domestika tagħhom, miksuba miż-żebbuġ maħsud fit-territorju tagħhom u maħsub għas-swieq nazzjonali tagħhom biss.
4. Id-deċizzjoni msemmija fil-paragrafu 3 ma għandhiex tipprevjeni żjut taż-żebbuġa tikkettati qabel id-data li fiha dik id-deċizzjoni tidħol fis-seħħ milli jiġu kkummerċjalizzati sakemm jispiċċaw l-istokkijiet.
5. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bid-deċizzjoni msemmija fil-paragrafu 3 f'konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2017/1183.

## Artikolu 12

### Indikazzjoni tal-preżenza ta' żejt taż-żebbuġa barra mil-lista ta' ingredjenti f'taħlitiet u fl-ikel

1. Meta l-preżenza taż-żjut imsemmija fl-Artikolu 1, il-punt (b), f'taħlita ma' żjut veġetali oħra tiġi enfasizzata fuq it-tikketta xi mkien ieħor minbarra fil-lista ta' ingredjenti, bl-użu ta' kliem, stampi jew grafika, it-taħlita kkonċernata għandu jkollha d-deskrizzjoni kummerċjali li ġejja: "Taħlita ta' żjut veġetali (jew l-ismijiet speċifiċi taż-żjut veġetali kkonċernati) u taż-żejt taż-żebbuġa", segwiti direttament mill-perċentwal ta' tali żjut fit-taħlita.
2. Il-preżenza taż-żjut imsemmija fl-Artikolu 1, il-punt (b), tista' tiġi enfasizzata permezz ta' stampi jew grafika fuq it-tikketta ta' taħlita kif imsemmija fil-paragrafu 1 biss fejn tkun tammonta għal aktar minn 50 % tat-taħlita kkonċernata.
3. Bl-eċċezzjoni tal-ikel solidu ppreservat esklużivament fiż-żejt taż-żebbuġa, b'mod partikolari l-prodotti msemmija fir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 2136/89<sup>(12)</sup> u (KEE) Nru 1536/92<sup>(13)</sup>, u fejn il-preżenza taż-żjut imsemmija fl-Artikolu 1, il-punt (b) ta' dan ir-Regolament tiġi ddikjarata fuq it-tikketta xi mkien ieħor għajr fil-lista ta' ingredjenti, bl-użu ta' kliem, stampi jew grafika, l-isem tal-ikel għandu jiġi segwit direttament mill-perċentwal ta' żejt relattiv għall-piż nett totali tal-oġġett tal-ikel.
4. Il-perċentwal ta' żjut miżjuda msemmija fl-Artikolu 1, il-punt (b), meta mqabbel mal-piż nett totali tal-ikel imsemmi fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu jista' jiġi sostitwit bil-perċentwal ta' żejt miżjud meta mqabbel mal-piż totali tax-xaħmijiet, iż-żieda tal-kliem "perċentwal ta' xaħmijiet".
5. Id-deskrizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 6(1) jistgħu jiġu sostitwiti bil-kliem "żejt taż-żebbuġa" fuq it-tikketta tal-prodotti msemmija fil-paragrafi 1 u 3 ta' dan l-Artikolu.

Madankollu, meta jkun hemm il-preżenza taż-żejt mir-residwi taż-żebbuġ, il-kliem "żejt taż-żebbuġa" għandu jiġi sostitwit bil-kliem "żejt mir-residwi taż-żebbuġ".

6. Meta jiżdied ikel ieħor maż-żjut imsemmija fl-Artikolu 1, il-punt (b), l-ikel li jirriżulta ma għandu jkollu l-ebda wieħed mill-ismijiet legali msemmija fl-Artikolu 6.

## Artikolu 13

### Tħassir

Ir-Regolament (KEE) Nru 2568/91 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 29/2012 jitħassru.

Ir-referenzi għar-Regolamenti mħassra għandhom jinftiehem bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/2105 u għandhom jinqraw f'konformità mat-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.

## Artikolu 14

### Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

<sup>(12)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2136/89 tal-21 ta' Ġunju 1989 li jistabbilixxi ċerti standards komuni dwar il-marketing tas-sardin ippriservat (ĠU L 212, 22.7.1989, p. 79).

<sup>(13)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1536/92 tad-9 ta' Ġunju 1992 li jippreskrivi l-istandards ta' marketing komuni għat-tonn u għall-plamtu/tumbrell priservat (ĠU L 163, 17.6.1992, p. 1).



Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Lulju 2022.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
Ursula VON DER LEYEN

---

## KARATTERISTIĊI TAŻ-ŻEJT TAŻ-ŻEBBUĠA

## A. Karatteristiki tal-kwalità

Kategorija	Aċidità (%) <sup>(1)</sup>	Valur tal-perossidu (mEq O <sub>2</sub> /kg)	K <sub>232</sub>	K <sub>268</sub> jew K <sub>270</sub>	ΔK	Karatteristiċi organolettiċi		Esteri etiliċi tal-aċidi xaħmin (mg/kg)
						Valur medjan tad-difetti (Md) <sup>(1)</sup>	Valur medjan tat-togħma ta' frott (Mf) <sup>(2)</sup>	
1. Żejt taż-żebbuġa extra verġni	≤ 0,80	≤ 20,0	≤ 2,50	≤ 0,22	≤ 0,01	Md = 0,0	Mf > 0,0	≤ 35
2. Żejt taż-żebbuġa verġni	≤ 2,0	≤ 20,0	≤ 2,60	≤ 0,25	≤ 0,01	Md ≤ 3,5	Mf > 0,0	—
3. Żejt taż-żebbuġ lampante	> 2,0	—	—	—	—	Md > 3,5 <sup>(3)</sup>	—	—
4. Żejt taż-żebbuġa raffinat	≤ 0,30	≤ 5,0	—	≤ 1,25	≤ 0,16		—	—
5. Żejt taż-żebbuġa magħmul minn żejt taż-żebbuġa raffinat u żjut taż-żebbuġa verġni	≤ 1,00	≤ 15,0	—	≤ 1,15	≤ 0,15		—	—
6. Żejt mhux raffinat mir-residwi taż-żebbuġ	—	—	—	—	—		—	—
7. Żejt raffinat mir-residwi taż-żebbuġ	≤ 0,30	≤ 5,0	—	≤ 2,00	≤ 0,20		—	—
8. Żejt mir-residwi taż-żebbuġ	≤ 1,00	≤ 15,0	—	≤ 1,70	≤ 0,18		—	—

<sup>(1)</sup> Il-valur medjan tad-difetti huwa ddefinit bħala l-valur medjan tad-difetti nnutat bl-akbar intensità.

<sup>(2)</sup> Meta l-valur medjan tal-attribut tat-togħma morra u/jew qawwija jkun ta' iktar minn 5,0, il-kap tal-bord għandu jirrapporta dwar dan.

<sup>(3)</sup> Il-valur medjan tad-difetti jista' jkun ta' 3,5 jew inqas meta l-medjan tat-togħma ta' frott ikun 0,0.

B. Karatteristiċi tal-purità

Kategorija	Kompożizzjoni tal-aċidu xaħmi <sup>(1)</sup>						Total ta' isomeri transolejċi (%)	Total ta' isomeri lino-lejċi+translinoleniċi (%)	Stigmastadienes (mg/kg) <sup>(2)</sup>	ΔECN42	2-gliċeril monopalmitat (%)
	Miris-tiku (%)	Linoleniku (%)	Arakidiku (%)	Ejkosenojku (%)	Beeniku (%)	Linjo-ċeriku (%)					
1. Żejt taż-żebbuġa <i>extra</i> verġni	≤ 0,03	≤1,00 <sup>(2)</sup> -1,00 <sup>(2)</sup>	≤ 0,60	≤ 0,50	≤ 0,20	≤ 0,20	≤ 0,05	≤ 0,05	≤ 0,05	≤  0,20	≤ 0,9 jekk il-perċentwal totali ta' aċidu palmitiku jkun ≤ 14,00 % ≤ 1,0 jekk il-perċentwal totali ta' aċidu palmitiku jkun > 14,00 %
2. Żejt taż-żebbuġa verġni	≤ 0,03	≤1,00 <sup>(2)</sup> -1,00 <sup>(2)</sup>	≤ 0,60	≤ 0,50	≤ 0,20	≤ 0,20	≤ 0,05	≤ 0,05	≤ 0,05	≤  0,20	≤ 0,9 jekk il-perċentwal totali ta' aċidu palmitiku jkun ≤ 14,00 % ≤ 1,0 jekk il-perċentwal totali ta' aċidu palmitiku jkun > 14,00 %
3. Żejt taż-żebbuġa lampante	≤ 0,03	≤ 1,00	≤ 0,60	≤ 0,50	≤ 0,20	≤ 0,20	≤ 0,10	≤ 0,10	≤ 0,50	≤  0,30	≤ 0,9 jekk il-perċentwal totali ta' aċidu palmitiku jkun ≤ 14,00 % ≤ 1,1 jekk il-perċentwal totali ta' aċidu palmitiku jkun > 14,00 %
4. Żejt taż-żebbuġa raffinat	≤ 0,03	≤ 1,00	≤ 0,60	≤ 0,50	≤ 0,20	≤ 0,20	≤ 0,20	≤ 0,30	—	≤ 0,30	≤ 0,9 jekk il-perċentwal totali ta' aċidu palmitiku jkun ≤ 14,00 % ≤ 1,1 jekk il-perċentwal totali ta' aċidu palmitiku jkun > 14,00 %
5. Żejt taż-żebbuġa magħmul minn żejt taż-żebbuġa raffinat u żjut taż-żebbuġa verġni	≤ 0,03	≤ 1,00	≤ 0,60	≤ 0,50	≤ 0,20	≤ 0,20	≤ 0,20	≤ 0,30	—	≤  0,30	≤ 0,9 jekk il-perċentwal totali ta' aċidu palmitiku jkun ≤ 14,00 % ≤ 1,0 jekk il-perċentwal totali ta' aċidu palmitiku jkun > 14,00 %
6. Żejt mhux raffinat mir-residwi taż-żebbuġ	≤ 0,03	≤ 1,00	≤ 0,60	≤ 0,50	≤ 0,30	≤ 0,20	≤ 0,20	≤ 0,10	—	≤  0,60	≤ 1,4
7. Żejt raffinat mir-residwi taż-żebbuġ	≤ 0,03	≤ 1,00	≤ 0,60	≤ 0,50	≤ 0,30	≤ 0,20	≤ 0,40	≤ 0,35	—	≤  0,50	≤ 1,4
8. Żejt mir-residwi taż-żebbuġ	≤ 0,03	≤ 1,00	≤ 0,60	≤ 0,50	≤ 0,30	≤ 0,20	≤ 0,40	≤ 0,35	—	≤  0,50	≤ 1,2

- (<sup>1</sup>) Kontenut ta' aċidi xaħmin oħrajn (%): palmitiku: 7,00-20,00; palmitolejku: 0,30-3,50; ettadekanojku:  $\leq$  0,40; ettadekanojku  $\leq$  0,60; steariku: 0,50-5,00; olejku: 55,00- 85,00; linolejku: 2,50-21,00.  
 (<sup>2</sup>) Meta l-aċidu linoleniku jkun aktar minn 1,00 iżda 1,40 jew inqas, il-proporzjon  $\beta$ -sitosterol/kampesterol evidenti għandu jkun 24 jew aktar.  
 (<sup>3</sup>) It-total tal-isomeri li setgħu (jew li ma setgħux) jiġu separati permezz tal-kolonna kapillari.

Tabella B (tkompli)

Kategorija	Kompożizzjoni tal-isteroli						Total ta' steroli (mg/kg)	Eritrodijol u uvaol (%) <sup>(*)</sup>	Xama' (mg/kg) <sup>(**)</sup>
	Kole-sterol (%)	Brassika-sterol (%)	Kampes-terol ( <sup>1</sup> )(%)	Stigmas-terol (%)	$\beta$ -sito-sterol evidenti ( <sup>2</sup> ) (%)	$\Delta$ -7-stigm-a-sterol ( <sup>1</sup> )(%)			
1. Żejt taż-żebbuġa <i>extra</i> verġni	$\leq$ 0,5	$\leq$ 0,1	$\leq$ 4,0	< Kamp.	$\geq$ 93,0	$\leq$ 0,5	$\geq$ 1 000	$\leq$ 4,5	C42 + C44 + C46 $\leq$ 150
2. Żejt taż-żebbuġa verġni	$\leq$ 0,5	$\leq$ 0,1	$\leq$ 4,0	< Kamp.	$\geq$ 93,0	$\leq$ 0,5	$\geq$ 1 000	$\leq$ 4,5	C42 + C44 + C46 $\leq$ 150
3. Żejt taż-żebbuġ lampante	$\leq$ 0,5	$\leq$ 0,1	$\leq$ 4,0	—	$\geq$ 93,0	$\leq$ 0,5	$\geq$ 1 000	$\leq$ 4,5 ( <sup>3</sup> )	C40 + C42 + C44 + C46 $\leq$ 300 ( <sup>3</sup> )
4. Żejt taż-żebbuġa raffinat	$\leq$ 0,5	$\leq$ 0,1	$\leq$ 4,0	< Kamp.	$\geq$ 93,0	$\leq$ 0,5	$\geq$ 1 000	$\leq$ 4,5 ( <sup>4</sup> )	C40 + C42 + C44 + C46 $\leq$ 350
5. Żejt taż-żebbuġa magħmul minn żejt taż-żebbuġa raffinat u żjut taż-żebbuġa verġni	$\leq$ 0,5	$\leq$ 0,1	$\leq$ 4,0	< Kamp.	$\geq$ 93,0	$\leq$ 0,5	$\geq$ 1 000	$\leq$ 4,5	C40 + C42 + C44 + C46 $\leq$ 350
6. Żejt mhux raffinat mir-residwi taż-żebbuġ	$\leq$ 0,5	$\leq$ 0,2	$\leq$ 4,0	—	$\geq$ 93,0	$\leq$ 0,5	$\geq$ 2 500	> 4,5 ( <sup>5</sup> )	C40 + C42 + C44 + C46 > 350 ( <sup>5</sup> )
7. Żejt raffinat mir-residwi taż-żebbuġ	$\leq$ 0,5	$\leq$ 0,2	$\leq$ 4,0	< Kamp.	$\geq$ 93,0	$\leq$ 0,5	$\geq$ 1 800	> 4,5	C40 + C42 + C44 + C46 > 350
8. Żejt mir-residwi taż-żebbuġ	$\leq$ 0,5	$\leq$ 0,2	$\leq$ 4,0	< Kamp.	$\geq$ 93,0	$\leq$ 0,5	$\geq$ 1 600	> 4,5	C40 + C42 + C44 + C46 > 350

(<sup>1</sup>) Ara l-Appendiċi ta' dan l-Anness.

(<sup>2</sup>)  $\beta$ -sitosterol evidenti:  $\Delta$ -5,23-stigmastadienol+klerosterol+  $\beta$ -sitosterol+sitostanol+  $\Delta$ -5-avenasterol+  $\Delta$ -5,24-stigmastadienol.

(<sup>3</sup>) Iż-żjut li jkollhom kontenut ta' xama' bejn 300 mg/kg u 350 mg/kg jitqiesu bħala żjut taż-żebbuġa lampante jekk il-kontenut totali ta' alkoħol alifatiku jkun ta' 350 mg/kg jew inqas jew jekk il-kontenut tagħhom ta' eritrodijol u uvaol ikun ta' 3,5 % jew inqas.

(<sup>4</sup>) Żjut b'kontenut ta' eritrodijol u uvaol ta' bejn 4,5 u 6 % għandu jkollhom kontenut ta' eritrodijol ta' 75 mg/kg jew inqas.

(<sup>5</sup>) Iż-żjut li jkollhom kontenut ta' xama' bejn 300 mg/kg u 350 mg/kg jitqiesu bħala żjut mhux raffinati mir-residwi taż-żebbuġ jekk il-kontenut totali ta' alkoħol alifatiku jkun ta' aktar minn 350 mg/kg u jekk il-kontenut tal-eritrodijol u uvaol fihom ikun ta' aktar minn 3,5 %.


Noti:

- (a) Ir-riżultati tal-analiżijiet għandhom jingħataw bl-istess għadd ta' ċifri wara l-punt deċimali bħal dak użat għal kull karatteristika. L-aħħar ċifra trid tiżdied b'unità waħda jekk iċ-ċifra ta' warajha tkun ta' iktar minn 4.
- (b) Jekk karatteristika waħda biss ma tkunx konformi mal-valuri ddikjarati, għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, il-kategorija taż-żejt għandha tinbidel jew iż-żejt għandu jiġi ddikjarat bħala mhux konformi.
- (c) Għaż-żejt taż-żebbuġa lampante, iż-żewġ karatteristiċi tal-kwalità mmarkati b'asterisk (\*) jistgħu jvarjaw b'mod simultanju mil-limiti stabbiliti għal dik il-kategorija.
- (d) Jekk karatteristika tkun immarkata b'żewġ asterisks (\*\*), dan ifisser li għaż-żejt mhux raffinat mir-residwi taż-żebbuġ, huwa possibbli li ż-żewġ limiti rilevanti jkunu differenti mill-valuri ddikjarati fl-istess ħin. Għaż-żejt mir-residwi taż-żebbuġ u għaż-żejt raffinat mir-residwi taż-żebbuġ wieħed mil-limiti rilevanti jista' jkun differenti mill-valuri ddikjarati.

### Appendiċi

#### Ġerarkija tad-deċiżjonijiet


Ġerarkija tad-deċiżjonijiet għall-kampesterol għaż-żgħir-żgħir taż-żebbuġa verġni u *extra* verġni:



Il-parametri l-oħra għandhom ikunu konformi mal-limiti stabbiliti f'dan ir-Regolament.


Ġerarkija tad-deċiżjonijiet ta' Delta-7-stigmastenol għal:

#### — Żjut taż-żebbuġa verġni u *extra* verġni




Il-parametri l-oħra għandhom ikunu konformi mal-limiti stabbiliti f'dan ir-Regolament.

#### — Żjut taż-żebbuġa lampante




Il-parametri l-oħra għandhom ikunu konformi mal-limiti stabbiliti f'dan ir-Regolament.

#### — Żjut taż-żebbuġa raffinati u żjut taż-żebbuġa magħmulin minn żjut taż-żebbuġa raffinati u żjut taż-żebbuġa verġni



Il-parametri l-oħra għandhom ikunu konformi mal-limiti stabbiliti f'dan ir-Regolament.

— **Żejt mir-residwi taż-żebbuġ mhux raffinat, żejt mir-residwi taż-żebbuġ raffinat u żejt mir-residwi taż-żebbuġ**



Il-parametri l-oħra għandhom ikunu konformi mal-limiti stabbiliti f'dan ir-Regolament.

## ANNEX II

**Definizzjonijiet ta' terminoloġija fakultattiva dwar il-karatteristiċi organolettiċi għall-finijiet tat-tikkettar**

Fuq talba, il-kap tal-bord tad-dewqan stabbilit skont l-Artikolu 10 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/2105. jista' jiċċertifika li ż-żjut li ġew ivvalutati huma konformi mad-definizzjonijiet u mal-grad li jikkorrispondu biss mat-termini li ġejjin, skont l-intensità u l-perċezzjoni tal-attributi.

Attributi pożittivi (togħma ta' frott, morr u punġenti) skont l-intensità tal-perċezzjoni:

*Qawwi*, meta l-valur medjan tal-attribut ikun aktar minn 6,0.

*Medju*, meta l-valur medjan tal-attribut ikun aktar minn 3,0 u 6,0 jew inqas;

*Ħafif*, meta l-valur medjan tal-attribut ikun 3,0 jew inqas.

*Togħma ta' frott*: sett ta' sensazzjonijiet olfattivi li huma tipiċi taż-żejt, skont il-varjetà taż-żejbu u li jiġu minn żejbu frisk u b'saħħtu, u li fihom la tiddomina t-togħma tal-frott aħdar u lanqas dik tal-frott li jkun sar. Dawn jiġu nnutati direttament u/jew permezz tan-naħa ta' wara tal-immieher.

*Togħma ta' frott aħdar*: sett ta' sensazzjonijiet olfattivi li huma tipiċi taż-żejt u li jfakkru fil-frott aħdar, skont il-varjetà ta' żejbu u li jiġu minn żejbu aħdar, frisk, u b'saħħtu. Dawn jiġu nnutati direttament u/jew permezz tan-naħa ta' wara tal-immieher.

*Togħma ta' frott misjur*: sett ta' sensazzjonijiet olfattivi li huma tipiċi taż-żejt u li jfakkru fil-frott misjur, skont il-varjetà taż-żejbu u li jiġu minn żejbu frisk u b'saħħtu. Dawn jiġu nnutati direttament u/jew permezz tan-naħa ta' wara tal-immieher.

*Żejt ibbilanċjat*: żejt li ma jurix nuqqas ta' bilanċ, jiġifieri s-sensazzjoni tattili u olfattiva u tat-togħma li fiha l-valur medjan tal-attribut tat-togħma morra u l-valur medjan tal-attribut punġenti ma jkun iktar minn żewġ punti ogħla minn dak tat-togħma tal-frott.

*Żejt ta' togħma mmoderata*: żejt li l-valur medjan tal-attributi tat-togħma morra u punġenti jkun ta' 2,0 jew inqas.

<b>Termini soġġetti għall-produzzjoni ta' ċertifikat tat-test organolettiċu</b>	<b>Valur medjan tal-attribut</b>
Togħma ta' frott	—
Togħma ta' frott misjur	—
Togħma ta' frott aħdar	—
Togħma ta' frott ħafifa	$\leq 3,0$
Togħma ta' frott medja	$3,0 < Me \leq 6,0$
Togħma ta' frott qawwija	$> 6,0$
Togħma ħafifa ta' frott misjur	$\leq 3,0$
Togħma medja ta' frott misjur	$3,0 < Me \leq 6,0$
Togħma qawwija ta' frott misjur	$> 6,0$
Togħma ħafifa ta' frott aħdar	$\leq 3,0$
Togħma medja ta' frott aħdar	$3,0 < Me \leq 6,0$
Togħma qawwija ta' frott aħdar	$> 6,0$
Togħma ħafifa morra	$\leq 3,0$
Togħma medja morra	$3,0 < Me \leq 6,0$
Togħma qawwija morra	$> 6,0$
Togħma punġenti ħafifa	$\leq 3,0$



Togħma punġenti medja	$3,0 < Me \leq 6,0$
Togħma punġenti qawwija	$> 6,0$
Żejt ibbilanċjat	Il-valur medjan tal-attribut tat-togħma morra u l-valur medjan tal-attribut tat-togħma punġenti jkunu mhux aktar minn 2,0 punti ogħla mill-punt medjan tat-togħma tal-frott
Żejt ta' togħma moderata	Il-valur medjan tal-attribut tat-togħma morra u l-valur medjan tal-attribut tat-togħma punġenti huma 2,0 jew anqas.

## ANNEX III

Tabella ta' korrelazzjoni

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 29/2012	Ir-Regolament (KEE) Nru 2568/91	Dan ir-Regolament	Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/2105
_____	_____	Artikolu 1, il-punt (a)	
_____	_____		Artikolu 1
_____	_____		Artikolu 2(2)
Artikolu 1(1)		Artikolu 1, il-punt (b) u l-Artikolu 1(2)	
Artikolu 1(2)		Artikolu 1, il-punt (b)	
Artikolu 2, l-ewwel paragrafu		Artikolu 4(1)	
Artikolu 2, it-tieni paragrafu		Artikolu 4(2)	
Artikolu 3, l-ewwel paragrafu		Artikolu 6(1)	
Artikolu 3, it-tieni paragrafu, il-punti (a) sa (d)		Artikolu 6(2), il-punti (a) sa (d)	
Artikolu 4(1), l-ewwel subparagrafu		Artikolu 8(1)	
Artikolu 4(1), it-tieni subparagrafu		Artikolu 8(2)	
Artikolu 4(1), it-tielet subparagrafu		-	
Artikolu 4(2)		Artikolu 8(3)	
Artikolu 4(3)		Artikolu 8(4)	
Artikolu 4(4)		Artikolu 8(5)	
Artikolu 4(5), l-ewwel subparagrafu		Artikolu 8(6)	
Artikolu 4(5), it-tieni subparagrafu		Artikolu 8(7)	
Artikolu 4a		Artikolu 7	
Artikolu 4b		Artikolu 5	
Artikolu 5, l-ewwel paragrafu, il-punti (a) sa (d)		Artikolu 10, il-punti (a) sa (d)	
Artikolu 5, l-ewwel paragrafu, punt (e)		Artikolu 11(1) u (2)	
Artikolu 5, it-tieni paragrafu		-	
Artikolu 5a, l-ewwel paragrafu		Artikolu 11(3)	
Artikolu 5a, it-tieni paragrafu		Artikolu 11(4)	
Artikolu 5a, it-tielet paragrafu		Artikolu 11(5)	
Artikolu 6(1), l-ewwel subparagrafu		Artikolu 12(1)	

<b>Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 29/2012</b>	<b>Ir-Regolament (KEE) Nru 2568/91</b>	<b>Dan ir-Regolament</b>	<b>Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/2105</b>
Artikolu 6(1), it-tieni subparagrafu		Artikolu 12(2)	
Artikolu 6(1), it-tielet subparagrafu		Artikolu 3(3)	
Artikolu 6(2), l-ewwel subparagrafu		Artikolu 12(3)	
Artikolu 6(2), it-tieni subparagrafu		Artikolu 12(4)	
Artikolu 6(3)		Artikolu 12(5)	
-	-	Artikolu 12(6)	
Artikolu 6(4)		-	
Artikolu 7			Artikolu 5(2)
Artikolu 8(1)			Artikolu 2(3)
Artikolu 8(2)			Artikolu 4(3)
Artikolu 8(3)			Artikolu 4(2)
Artikolu 8(4)			Artikolu 4(3)
Artikolu 8a			Artikoli 2(1) u 4(1)
Artikolu 9(1), l-ewwel subparagrafu			Artikolu 13(1)
Artikolu 9(1), it-tieni subparagrafu			Artikolu 13(2)
Artikolu 9(1), it-tielet subparagrafu			—
Artikolu 9(1), ir-raba' subparagrafu			—
Artikolu 9(1), il-ħames subparagrafu			—
Artikolu 9(2), l-ewwel subparagrafu			Artikolu 6(1)
Artikolu 9(2), it-tieni subparagrafu, il-punti (a), (b) u (c)			Artikolu 6(2), il-punti (a), (b) u (c)
Artikolu 9(2), it-tielet subparagrafu		Artikolu 9	
—			Artikolu 6(3)
Artikolu 10, l-ewwel paragrafu, is-sentenza tal-bidu			Artikolu 14
Artikolu 10, l-ewwel paragrafu u l-punti (a) sa (d), u t-tieni paragrafu			—
Artikolu 10a			Artikolu 14
Anness I		-	
Anness II		-	

<b>Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 29/2012</b>	<b>Ir-Regolament (KEE) Nru 2568/91</b>	<b>Dan ir-Regolament</b>	<b>Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/2105</b>
	Artikolu 1(1)	Artikolu 2(1)(a) u 2(1)(b)	
	Artikolu 1(2)	Artikolu 2(1)(c)	
	Artikolu 1(3)	Artikolu 2(1)(d)	
	Artikolu 1(4)	Artikolu 2(1)(e)	
	Artikolu 1(5)	Artikolu 2(1)(f)	
	Artikolu 1(6)	Artikolu 2(1)(g)	
	Artikolu 1(7)	Artikolu 2(1)(h)	
	_____	Artikolu 2(2)	
	_____	Artikolu 3(1) u (2)	
	Artikolu 2(1)		Artikolu 7
	Artikolu 2(1), il-punt (a)		Anness I, il-punt 1
	Artikolu 2(1), il-punt (b)		Anness I, il-punt 2
	Artikolu 2(1), il-punt (c)		_____
	Artikolu 2(1), il-punt (d)		_____
	Artikolu 2(1), il-punt (e)		Anness I, il-punt 3
	Artikolu 2(1), il-punt(f)		Anness I, il-punt 4
	Artikolu 2(1), il-punt (g)		Anness I, il-punt 5
	Artikolu 2(1), il-punt (h)		_____
	Artikolu 2(1), il-punt (i)		Anness I, il-punt 6
	Artikolu 2(1), il-punt (j)		Anness I, il-punt 7
	Artikolu 2(1), il-punt (k)		Anness I, il-punt 8
	Artikolu 2(1), il-punt (l)		Anness I, il-punt 9
	Artikolu 2(1), il-punt (m)		Anness I, il-punt 10
	Artikolu 2(2), l-ewwel subparagrafu u parti mill-punt 9.4 tal-Anness XII		Artikolu 10(1)
	Artikolu 2(2), it-tieni subparagrafu		Artikolu 11(1)
	Artikolu 2(2), it-tielet subparagrafu		Artikolu 11(2)

<b>Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 29/2012</b>	<b>Ir-Regolament (KEE) Nru 2568/91</b>	<b>Dan ir-Regolament</b>	<b>Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/2105</b>
	-		Artikolu 11(3)
	parti mill-punt 9.4 tal-Anness XII		Artikolu 11(4)
	Artikolu 2(3), l-ewwel subparagrafu		Artikolu 3(1)
	Artikolu 2(3), it-tieni subparagrafu		Artikolu 3(2)
	Artikolu 2(4), l-ewwel subparagrafu		Artikolu 9(2)
	Artikolu 2(4), it-tieni subparagrafu		Artikolu 9(3)
	Artikolu 2(4), it-tielet subparagrafu		Artikolu 9(4)
	Artikolu 2(5)		Artikolu 9(5)
	Artikolu 2a(1)		Artikolu 3(1)
	Artikolu 2a(2)		Artikolu 3(3)
	Artikolu 2a(3)		Artikolu 3(4)
	Artikolu 2a(4), l-ewwel subparagrafu		Artikolu 3(5)
	Artikolu 2 a(4), it-tieni subparagrafu		Artikolu 3(2)
	Artikolu 2a(5)		Artikolu 9(1)
	Artikolu 3, l-ewwel paragrafu		Artikolu 13(1)
	Artikolu 3, it-tieni paragrafu		Artikolu 3(6)
	Artikolu 4(1), l-ewwel subparagrafu		Artikolu 10(1)
	Artikolu 4(1), it-tieni subparagrafu		Artikolu 10(2)
	Artikolu 4(1), it-tielet subparagrafu		Artikolu 10(3)
	Artikolu 4(2)		Artikolu 10(4)
	Artikolu 4(3)		-
	Artikolu 6(1)		Artikolu 12(1)
	Artikolu 6(2)		Artikolu 12(2)
	Artikolu 7		—
	Artikolu 7a, it-tieni paragrafu		Artikolu 2(2)

<b>Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 29/2012</b>	<b>Ir-Regolament (KEE) Nru 2568/91</b>	<b>Dan ir-Regolament</b>	<b>Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/2105</b>
	Artikolu 8(1)		-
	Artikolu 8(2)		Artikolu 14
	Anness I	Anness I	
	Anness XII, il-punt 3.3	Anness II	
	Anness Ia, minbarra l-punt 2.1		Anness II
	Anness Ia, il-punt 2.1		Artikolu 9(6)
	Anness Ib		Anness III
	Anness III		—
	Anness IV		—
	Anness VII		—
	Anness IX		—
	Anness X		—
	Anness XI		—
	Anness XII, minbarra l-punt 3.3 u parti mill-punt 9.4		—
	Anness XV		Anness IV
	Anness XVI		—
	Anness XVII		—
	Anness XVIII		—
	Anness XIX		—
	Anness XX		—
	Anness XXI		Anness V